# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 722/2014/VG**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing Limited [C-8692]**

**Vs**

**(1) A. Baran Limited**
**(2) Turk Engin**
**(3) Osman El Sharif Sai Mohamed**
**(4) Ian Chircop Beck**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' Ottubru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' sitt mija tmienja u sebghin euro [€678] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-hlas ta' l-ammont bilancjali ta' sitt mija u tmienja u sebghin Euro (€678) rapprezentanti prodotti konsenjati mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta A. Baran Limited u lill-intimati l-ohra kollha

a tenur ta' ftehim bejn il-partijiet hawn mehmuz bhala Dok AMS 001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali 680/13 (kopja hawn annessa bhala Dok AMS 002) kif ukoll bl-imghaxijiet sad-data ta' l-effettiv pagament"

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata skond il-ligi fis-6 ta' Mejju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 l-Avukat Dottor Victor Bugeja ta' ruhhu b'notifikat ghal Osman El Sharif Sai Mohamed.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015 u li permezz taghha, l-imsemmija socjeta cediet l-atti limitatament fil-konfront ta' Ian Chircop Beck u ta' Turk Engin izda zammet fermi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront ta' l-intimati l-ohra.

Ra li fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015 Marvin Sapiano kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat ta' sitt mija tmienja u sebghin euro [€678] ghadu dovut kollu fl-intier tieghu.

Ra li s-socjeta rikorrenti ghalqet il-provi taghha fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015 u thalliet ghall-provi kollha ta' l-intimati ghal-lum.

Ra li l-intimati baqghu ma dehrux ghas-seduta tal-lum.

Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti talbet li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza llum stess, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata A. Baran Limited u minghand l-intimat Osman El Sharif Sai Mohamed, wara li cediet l-atti tat-Talba fil-konfront ta’ Ian Chircop Beck u Turk Engin, ta’ l-ammont bilancjali ta’ sitt mija u tmienja u sebghin Euro (€678) rapprezentanti prodotti konsenjati mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta A. Baran Limited u lill-intimati l-ohra kollha a tenur ta’ ftehim bejn il-partijiet hawn mehmuz bhala Dok AMS 001.

Ikkunsidra;

2. Marvin Sapiano kkonferma fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju, 2015 li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *<u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta rikorrenti resqet il-provi taghha fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2015 u ddikjarat li ma kellhiex provi aktar xi tressaq in sostenn tat-talba taghha dak-in-nhar stess. It-Tribunal ddiferixxa t-Talba ghas-seduta tal-lum sabiex l-intimati jressqu l-provi taghhom, haga li baqghu ma ghamlux.

7. Mill-provi mressqa jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata A. Baran Limited u lill-intimat Osman El Sharif Sai Mohamed ihallsu lis-socjeta rikorrenti, in solidum bejniethom, is-somma ta' sitt mija tmienja u sebghin euro [€678] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-20 ta' Marzu, 2013, id-data tal-ittra ufficjali (fol. 5), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**